## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 06/2019

**26 ta' Marzu 2019**

THE PROFESSIONAL CENTRE
SLIEMA ROAD
GZIRA GZR 1633 - MALTA
TEL./FAX. (+356) 2131 4265
EMAIL. info@kamratalperiti.org
WEBSITE. www.kamratalperiti.org

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

### Kamra tal-Periti

# L-arkitettura hi msejsa fuq il-ġid komuni

*"Ser niffukaw fuq l-arkitettura bħala dixxiplina li tfittex il-bilanċ bejn l-aspetti kulturali, soċjali, ekonomiċi, ambjentali u tekniċi, msejsa fuq il-ġid komuni."*

Dan il-kliem hu meħud mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew għall-Pjan ta' Ħidma dwar il-Kultura 2018-22, taħt il-kapitlu bit-titlu "*Arkitettura u ambjent mibni ta' kwalita' għolja għal kulħadd.*" Dan il-pass importanti jfisser bidla ta' mentalita' fi ħdan l-Unjoni Ewropea, li rrikonoxxiet l-arkitettura bħala dixxiplina li hi msejsa fuq il-ġid komuni. Dan hu rikonoxximent imporanti li jista' jservi ta' bażi fuq xiex nibnu l-*policies* u l-ħidma tagħna fil-futur.

Fi stqarrija maħruġa fil-5 ta' Marzu 2019, Georg Pendl, li hu l-President tal-Kunsill Ewropew ta' l-Arkitetti, qal li "*dan juri li l-istituzzjonijiet Ewropej m'għadhomx jiddefinixxu l-arkitettura biss bħala parti mill-industrija tal-kostruzzjoni.*"

Il-Kamra tal-Periti, li hi Membru tal- Kunsill Ewropew ta' l-Arkitetti, kienet ħadet sehem attiv sabiex l-arkitettura tiġi rrikonoxxuta bħala waħda mil-pilastri tal-kultura. Fil-fatt, il-Kamra kienet mexxiet dan il-ħsieb mal-MPE Dr Francis Zammit Dimech, li huwa Membru tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar il-Kultura u l-Edukazzjoni, u li kien wassal il-proposti tal-Kamra u tal-Kunsill Ewropew ta' l-Arkitetti quddiem il-Kumitat.

Huwa għalhekk b'sodisfazzjon kbir li l-Kamra tilqa' dan l-iżvilupp, u tħares 'il quddiem sabiex dan il-ħsieb jiġi addottat ukoll fuq livell lokali.

https://kamratalperiti.org/press/